# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Ħamis 15 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 528/2019 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**EMG**

**Vs**

**ES**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' **EMG** datat 14 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti ikkontrattaw iż-żwieġ f'Malta fl-erba' u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (24.05.2003) (ċertifikat bin-numru 697/2003, hawn anness u mmarkat Dok. A) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt itfal L u M aħwa MG (ċertifikati ta' twelid hawn annessi u mmarkata Dok B u C rispettivament);*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri datat id-disgħa u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (29.12.2016) – dokument hawn anness u mmarkat dok D, minkejja dan kienu ilhom separati de facto minn Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) hekk kif iddikjarat fil-kuntratt tas-separazzjoni hawn anness;*

3. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom;*

4. *Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa skond l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti b'dikjarazzjoni ġuramentata jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull provvediment ieħor li jogħġobha tagħti:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur sabiex fi żmien imħolli javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan id-divorzju sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 (fol 16) il-konvenuta dehret mhux assistita u l-Qorti spjegat lilha d-drittijiet taghha, izda hi ddikjara li ma tehtiegx avukat u mhux qed topponi ghad-divorzju. (vide fol 30);

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit u bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**EMG** xehed (vide affidavit dok A, fol 15) illi huwa iżżewweġ lill-martu fl-24 ta' Mejju 2003, u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fid-29 ta' Diċembru 2016. Xehed ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni u illi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment.

**ES** xehdet bil-ġurament ( fol 18) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed żewġha **EMG.**

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-24 ta' Mejju 2003 (Vide Dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, minuri (dok B, fol 3 u dok C, fol 4);

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, datat 29 ta' Diċembru 2016 (vide Dok. D fol 5 et seqq.) Illi permezz ta'

klawsola 4, tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet, dok D fol 5, l-partijiet iddikjaraw li ilhom separati de facto minn Frar 2012, u ghalhekk jirrizulta illi ilhom de facto separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment stante illi l-partijiet irrinunzjaw għal tali manteniment (vide dorso ta' fol 5).

Ghal rigward tal-manteniment tat-tfal, skond klawsola 6(e), il-manteniment tat-tfal gie kwantifikat u moghti lill-intimata bhala ¼ share ta' appartament. Ghaldaqstant il-manteniment tat-tfal huwa saldat.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**